MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 342/2005

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Carmen Portelli Bouvett (ID 146368M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' seba' mija u hdax-il lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm711.24c) rapprezentanti bilanc fuq servizz tat-telefon numru 21661360.

Ra li l-konvenuta ammettiet il-kawza u talbet li tinghata fakulta' li thallas b'rati mensili ta' tletin lira Maltin (Lm30) fix-xahar, liema talba ma gietx opposta.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' seba' mija u hdax-il lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu

(Lm711.24c), bl-imghax kif mitlub b'dan li l-konvenuta qed tigi awtorizzata thallas permezz ta' rati mensili ta' tletin lira Maltin (Lm30) fix-xahar bid-dekadenza tal-mod u ta' terminu hawn koncess f'kaz li tfalli zewg rati mensili jew ammont ekwivalenti.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------